## F'għeluq il-75 sena mill-miġja lura tal-istatwa titulari ta' San Lawrenz

*Din is-sensiela ta' artikli qed issir biex nikkommemoraw għeluq il-75 sena minn meta l-istatwa titulari ta' San Lawrenz twasslet lura l-Birgu. Dan ġara wara nuqqas ta' madwar tliet snin u nofs li matulhom din inżammet fl-Imdina. Fit-30 ta' Lulju 1944 l-istatwa ta' San Lawrenz ġiet miġjuba lura l-Birgu f'pellegrinaġġ li telaq mill-kolleġġjata ta' Bormla u għalih attendew folol kbar ta' nies. Fil-ħames parti tkellimna kif l-istatwa ta' San Lawrenz ħelsitha ħafif aktar minn darba u kif ġiet iċċelebrata l-festa fl-1941.*

# San Lawrenz | Maħbub u meqjum anke fi żmien il-gwerra (6)

**George Agius**

### Minn Vigarju Kurat isir Arċipriet

B'digriet tal-Arċisqof Mons. Mauro Caruana, maħruġ fit-8 ta' Novembru 1941, ġie avżat li fid-9 ta' Diċembru 1941 kellu jsir il-konkors għall-Arċipretura tal-Kolleġġjata tal-Birgu.[1] Dun Pawl Galea li kien ilu ftit aktar minn sena jservi bħala Vigarju Kurat issottometta ruħu għal dan il-konkors. Hu ġie eżaminat minn Mons. Apap Bologna, Mons. Cortis, Dun Pawl Tabone u l-Profs. Mons Carmelo Bonnici.[2]

Ftit ġimgħat wara ġie infurmat li kien intgħażel bħala Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Inqalgħet diffikultà dwar il-post fejn se jiġi mogħti l-pussess minħabba li l-Birgu kien meqjus bħala post perikoluż. Għal din ir-raġuni nhar it-2 ta' Frar 1942 l-Arċisqof Caruana ħareġ digriet li permezz tiegħu eżenta milli ssir fil-Birgu, iċ-ċerimonja tal-ħatra tal-Arċipriet.

Kien għalhekk, li l-investitura tiegħu bħala Arċipriet ġiet mogħtija b'forma privata, nhar l-14 ta' Frar 1942 minn idejn il-Vigarju Ġenerali Mons. P. Galea, fil-knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.[3] Dun Pawl kien jirrakkonta li dakinhar tal-pussess hu u sejjer Tas-Sliema nqabad waqt *Air Raid*. Meta l-attakk waqaf, daħal fil-knisja ta' Stella Maris u nduna li nesa jieħu miegħu rużetta.

Fuq suġġeriment tal-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez mar jissellef waħda mingħand mara li nzertat qiegħda fil-knisja. Imbagħad daħal fis-sagristija, niżel għarkopptejh quddiem Monsinjur Vigarju Mons. P. Galea li libbislu r-rużetta flimkien mal-berettin filwaqt li nqara d-digriet.

Permezz ta' din iċ-ċerimonja sempliċi, il-Vigarju Kurat Dun Pawl Galea issa kien sar uffiċjalment l-Arċipriet tal-Birgu.[4]



L-ewwel paġna tal-folju li tqassam bħala programm tal-festa ta' San Lawrenz tas-sena 1942 li kienu saru fil-knisja ta' San Pawl tar-Rabat.

### L-Arċipriet Galea - Ragħaj qalbieni

L-ewwel snin tal-Arċipriet Galea bħala ragħaj spiritwali tal-Parroċċa tal-Birgu ma kinux faċli. Il-kundizzjonijiet li fihom kienu qed jgħixu l-parruċċani tiegħu fil-foss ma kienu tajbin xejn. Kienu kundizzjonijiet primittivi b'nuqqas kbir ta' sanità u perkonsegwenza kien hemm ħafna tixrid ta' mard.[5]

Minkejja dan, hu għamel ħiltu kollha biex mill-aħjar li jista' jkun ta' sostenn għal dawn in-nies, kemm f'dak li hu spiritwali kif ukoll fil-bżonnijiet temporali li kienu ħafna. B'xorti tajba jien u nagħmel ir-riċerka tiegħi dwar dan il-perjodu ġiet f'idejja ittra li ġġib id-data tal-1 ta' Jannar 1943. Din l-ittra, mibgħuta mill-Arċipriet tal-Birgu lill-Isqof Emmanuel Galea, hi konferma tal-ħidma sfiqa ta' Dun Pawl b'risq il-komunità parrokkjali f'dak iż-żmien imwiegħer tal-gwerra.


Il-Vigarju Ġenerali Monsinjur P. Galea li mexxa ċ-ċerimonja privata tal-pussess ta' Dun Pawl Galea bħala Arċipriet tal-Birgu, fil-Knisja ta' Stella Maris f'tas-Sliema, nhar l-14 ta' Frar 1942.

F'din l-ittra nsibu rendikont tal-ħidma li hu wettaq fl-ewwel sentejn bħala ragħaj tal-parroċċa tal-Birgu, l-ewwel bħala Vigarju Kurat u aktar tard bħala Arċipriet. Biex napprezzaw ħidmietu se nġib xi siltiet minnha: *...Għalkemm waħdi fil-Parroċċa, jien dejjem fittixt li fil-Ħdud, u fil-festi kmandati jkolli tliet quddisiet kif ukoll fil-festi l-oħra ta' devozzjoni ċioè l-qalb ta' Ġesù, ta' Pompei eċċ........ Kull filgħaxija nagħmlu r-rużarju u l-benedizzjoni bl-Ewkaristija bħal parroċċi oħra. Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar kif ukoll meta tordnalna l-Kurja nagħmlu l-adorazzjoni – Ad Ostium Tabernaculum. Kull nhar ta' Ħadd filgħaxija ħlief xi ftit drabi tal-Blitz konna nagħmlu l-ispjega tal-Vanġelju. Kull Randan ta' dawn is-sentejn għamilt l-eżerċizzi spiritwali fix-xelter u fil-kappella. Ma ttraskurajtx id-Duttrina lit-tfal f'dawn is-sentejn li ili f'din il-Parroċċa bħala Vigarju Kurat u bħala Arċipriet għamilt darbtejn l-Ewwel Tqarbina lit-tfal u l-Griżma tal-Isqof darba permezz ta' Mons. Gonzi fid-9 ta' Novembru 1941 (xi 90 tifel u tifla) u diġà kellimtek, eċċellenza, biex nistabbilixxu ġurnata għall-Griżma lil xi 48 tifel u tifla oħra... Ħabrikt sabiex tinfetaħ l-iskola lit-tfal... F'kull blitz qawwi li ġarrbet il-Kottonera kont dejjem preżenti lest għal dak li jista' jinqala' u dejjem tul is-sena fittixt inqarben il-morda li ma joħorġux mix-xelter tagħhom...*[6]

L-Isqof Emmanuel Galea ħass il-bżonn li jserraħ moħħ l-Arċipriet li x-xogħol li kien qed jagħmel fil-Birgu kien magħruf u apprezzat ħafna mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Permezz ta' nota żgħira li ġġib id-data tat-3 ta' Jannar 1943 qallu hekk:

*Sur Arċipriet,*

*Irċevejt l-ittra tal-1 ta' Jannar fuq il-ħidma tiegħek fil-Birgu. Nassigurak li dan ix-xogħol tiegħek hu magħruf fil-Kurja u li m'għandekx tinkwieta...*[7]

Din in-nota tikkonferma li dak li kiteb l-Arċipriet Galea fl-ittra tiegħu kien korrett. Iżda jekk il-ħidma pastorali u soċjali li l-Arċipriet kien qed iwettaq mal-poplu kienet qed teħodlu ħafna enerġija, biċċa taħbil ir-ras oħra li kellu fuq moħħu bla dubju ta' xejn kienet il-ħsara li ġarrbet il-binja tal-Knisja Parrokkjali waqt l-attakki.

Matul is-snin 1941 u 1942 kien hemm aktar minn okkażjoni waħda fejn il-Knisja Parrokkjali ġarrbet xi ħsara. L-ewwel darba li ntlaqtet kien waqt l-attakk tas-16 ta' Jannar 1941 meta nqerdu s-sagristija u l-Aula Kapitulari kif diġà kellna l-opportunità nispjegaw. Ftit aktar minn xahrejn wara, fit-22 ta' Marzu laqtitha wkoll il-kappella tas-Sagrament. Iżda donnu dan ma kienx biżżejjed, għaliex il-koppla li kienet tħeżżet u xxaqqet fl-attakk tal-*Illustrious* iġġarrfet ftit aktar minn sena wara nhar l-4 ta' April 1942.[8]

għal paġna 7

FEATURE

# Il-festa ta' San Lawrenż fl-1942 saret fir-Rabat

minn paġna 6

**Fl-1942 - Il-festa ssir ir-Rabat**

Meta beda joqrob ix-xahar ta' Awwissu, il-Kapitlu tal-Birgu beda jaħseb kif u fejn se jiċċelebra l-festa ta' San Lawrenz għal dik is-sena. Wara l-esperjenza tas-sena ta' qabel, fejn il-konkorrenza għall-festa kienet tajba, huma xtaqu jagħżlu knisja akbar biex tkun tiflaħ aktar nies. Għalkemm kellhom isiru bosta funzjonijiet f'diversi bliet u rħula oħra mxerrda mal-gżejjer Maltin, l-għażla tal-knisja fejn kienu se jsiru l-festi prinċipali waqgħet fuq dik ta' San Pawl tar-Rabat.[9]

Malli din l-aħbar waslet f'widnejn il-Vittoriosani, urew ix-xewqa li għall-festa, l-istatwa titulari tinġieb u tkun armata fl-istess knisja. Din ix-xewqa ntweriet ukoll permezz ta' kitba fil-ġurnali.

F'ittra lill-editur li ġġib id-data tal-24 ta' Lulju 1942 taħt it-titlu 'Il-Festa ta' San Lawrenz' miktuba taħt in-*nom de plume* **Vox Populi** nsibu dawn il-kelmiet: *Għaliex, meta aħna li għandna magħna l-vara u ġej il-Kapitlu ma għandux ikollna l-vara sabiex ingawduha u hekk nitfarrġu ftit fid-dwejjaq li nisslet fina dil-gwerra? ...Ninsistu sabiex jiġu meħudin bis-serjetà dawn is-suġġerimenti li għamilna għaliex dawn mhumiex ħaġ'oħra ħlief ix-xewqa tal-ulied kollha tal-Belt Rebbieħa li ma jridux jitilfu din l-okkażjoni sabiex juru għal darb'oħra l-imħabba tagħhom lejn Lorenzu u lejn il-kapijiet spiritwali tagħhom.*[10]

It-talba ħerqana tad-devoti ta' San Lawrenz, biex l-istatwa tittieħed fil-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat għall-festa, altru li ġiet mismugħa, għaliex ġiet armata hemm mhux biss għal-festa iżda anke fil-jiem ta' tridu.[11] L-istatwa ġiet armata fuq il-presbiterju fil-ġenb tal-artal maġġur. San Lawrenz imlibbes bi lbies sabiħ tal-festa, tqiegħed fuq il-pedistall tal-Kunċizzjoni tal-istess knisja, li ġie misluf għal dik okkażjoni mill-Parroċċa ta' Rabat.

L-artal maġġur kien armat bil-kandlieri, bl-Appostli u bil-fjuretti tal-Birgu li b'xorti tajba ħelsuha meta ġġarrfet is-sagristija.[12] F'diversi ġurnali ġew ippubblikati avviżi bil-programm tal-festa fir-Rabat biex id-devoti Vittoriosani jiġu infurmati u fl-istess ħin mħeġġa jattendu.[13]

Biex jintlaħqu aktar nies, ġie mqassam folju ta' erba paġni li filwaqt li jagħti d-dettalji tal-programm, l-Arċipriet, permezz tiegħu jieħu l-opportunità biex jagħmel sejħa lill-Ulied l-Belt Rebbieħa. F'kelmtejn qosra li nsibu fit-tieni paġna hu kiteb hekk: *Għalkemm dak li għandu jsir din is-sena fil-festa tal-Patrun u Protettur tagħna mhuwiex ser isir bil-pompa li biha aħna s-soltu nagħmluh, madanakollu m'għandux ikun nieqes minn dik il-ħeġġa u devozzjoni li bihom konna nagħmluh fi żminijiet tal-paċi. Għalhekk filwaqt li nħeġġu lil kulħadd sabiex jieħu sehem mill-aħjar li jista' għall-funzjonijiet li ser nagħmlu, nirrikmandaw biex dak li ser ikun nieqes fis-solennità ta' barra, jitpatta b'ħeġġa u devozzjoni akbar.* Fit-tielet u r-raba' paġna ta' dan il-folju nsibu d-dettalji tal-programm tal-festa għal dik is-sena kif ġej :



Il-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat armata għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Lawrenz tal-1942.



L-artal maġġur tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat armat għall-festa ta' San Lawrenz, bil-kandlieri, appostli u fjuretti salvati mill-Kolleġġjata tal-Birgu wara li ġġarfet is-sagristija fis-16 ta' Jannar 1941.

*Il-Ġimgħa 7, is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 ta' Awwissu – l-aħħar tlett ijiem tan-Novena – fis-7:00a.m.: Quddiesa bil-fervorin qasir wara l-Vanġelu u bit-Tqarbina.*

*Il-Ġimgħa jqaddes Patri Pio Agius O.E.S.A.*

*Is-Sibt iqaddes Dun Giuseppe Fabre'.*

*Il-Ħadd iqaddes Patri Gerardo Levanzin O.M.C.*

*Fl-Istess jiem, barra l-Ħadd, fis-7:00p.m.: Titkompla n-Novena bil-Kurunella, Innu u Antifona ta' San Lawrenz u wara tingħata l-barka sagramentali.*

*Il-Ħadd, lejliet il-festa, fis-6:00pm: Translazzjoni bl-Ostensorju, Għasar u Kompieta kantati. Tispiċċa l-funzjoni bil-barka.*

*It-Tnejn, 10 ta' Awwissu - Jum il-festa - fis-7:00a.m.: Quddiesa bil-fervorin u bit-tqarbina ġenerali mill-E.T Rev. Mons Emmanuele Galea, Isqof titulari ta' Tralles u Vigarju Ġenerali ta' Malta.*

*Fit-8:30a.m.: Terza kantata, u Quddiesa Solenni.*

*Fil-5:30p.m.: Għasar kantat.*

*Paniġierku mill-Pirjol Paolo Spiteri O.E.S.A.*

*Innu, Antifona u Barka Sagramentali.*

*N.B Jiffunzjona l-Arċipriet, assistit mill-Kapitlu.*

*Il-kant tul in-novena jiġi esegwit minn tal-Mużew tal-Birgu. Dak tal-festa, li jkun akkompanjat mill-orkestra, mill-iskola Kantorum tal-Patrijiet Agostinjani.*

*Is-Saċerdoti kollha, speċjalment jekk mill-Birgu, huma mistiedna biex f'jum il-festa, jiċċelebraw fil-Knisja fuq imsemmija.*

*Il-fjuri u x-xemgħa għal quddiem l-istatwa, jintbagħtu sal-Ħadd filgħodu.*

*VIVA SAN LAWRENZ* [14]

Is-sejħa li saret lill-Vittoriosani u d-devoti tal-qaddis intlaqet tassew. Sbieħ wisq huma l-kelmiet li nsibu fil-*Leħen is-Sewwa*. Permezz tagħhom insibu deskrizzjoni ta' dak li seħħ fir-Rabat fil-jiem tal-festa ta' San Lawrenz fis-sena 1942.

Dawn huma xi siltiet minnhom: *...Kienet tassew xena li taqsamlek qalbek tara familji sħaħ telgħin bil-mixi lejn ir-Rabat... Wara l-funzjonijiet tarahom jiġġerrew mat-triqat jaraw isibux xi rokna għall-frisk fejn jieklu u jistrieħu xi ftit... Kienet tassew xena li tħeġġek bid-devozzjoni tara dik il-kotra kbira ta' nies kollha għarkupptejhom quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz...*[15] Għal darb'oħra fis-snin koroh tal-gwerra dawk ta' qabilna wieġbu numerużi u minn qalbhom għamlu festa xierqa lill-patrun tagħhom.

*Ikompli*


**Referenzi**

1. Anton Zammit Gabarretta, *L-Insinji Kolleġġjata u l-Kapitolu tal-Belt Vittoriosa*. Veritas Press, p.19.
2. Laurence Mizzi, *Maltin fil-Gwerra Ġrajjet il-Poplu*. PEG, 1992. p.164.
3. Ibid. Anton Zammit Gabarretta, *L-Insinji Kolleġġjata u l-Kapitolu tal-Belt Vittoriosa*. Veritas Press, p.19.
4. Ibid.Laurence Mizzi, *Maltin fil-Gwerra Ġrajjet il-Poplu*. PEG, 1992. p.164-165.
5. Lino Bugeja, *Birgu during World War II. Birgu - A Maltese Maritime City*. Malta University, 1993. p.210.
6. Arkivju Kurja Arċiveskovili, Korrispondenza, Vol XLI 1943. Fol,1.
7. Idem.
8. *Gregory Gauci, Birgu History and Traditions of a medieval and maritime city. BestPrint, 2003. P.135.*
9. *Il-Berqa*, 5 ta' Awwissu 1942
10. *Il-Berqa*, 3 ta' Awwissu 1942
11. *Il-Berqa*, 8 ta' Awwissu 1942
12. Tagħrif mogħti lill-awtur minn Aristarco Cefai
13. *Il-Berqa*, 5 ta' Awwissu 1942 u *Times of Malta*, 7 ta' Awwissu 1942.
14. Folju ta' erba' paġni maħruġ mill-parroċċa bit-titlu '*Programm ta' dak li għandu jsir fil-festi ta' S.Lawrenz Levita u Martri mill-Kapitlu, Kleru u Poplu tal-Belt Rebbieħa fil-Parroċċa ta' S.Pawl barra ir-Rabat.' Qed niktbu kif sibtu imma bil-Malti tal-lum*
15. *Leħen is-Sewwa*, 18 ta' Awwissu 1942.